# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 21**

**Rikors numru 21/19/2 BS**

**Paul Portelli (I.D. 41347G)**

**v.**

**Joseph Portelli (I.D. 66849G)**

**Joseph Portelli (I.D. 30488G)**

<u>Preliminari:</u>

1. Fit-18 ta' Frar, 2019, l-attur intavola din il-kawża kontra l-konvenuti fejn talab lill-Qorti :

(1) tiddikjara li għandu <u>dritt li jieħu l-ilma mill-għajn komuni</u> li tinsab

fil-proprjeta` tal-konvenuti jew min minnhom fir-raba' magħruf bħala *Ta' Ħida* jew *Ta' Majza* fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, u dan fil-ġurnata tal-Ħadd kif indikat fil-verbal li sar fl-atti tal-kawża **63/2014/PC** fl-ismijiet ***Pawlu Portelli v. Joseph Portelli et;***

(2) tiddikjara li l-konvenuti għandhom jassiguraw li din l-għajn tinżamm dejjem fi stat tajjeb ta' manutenzjoni kif ukoll fi stat nadif biex l-ilma jkun jista' joħroġ liberament minn din l-għajn u jasal fl-għelieqi tiegħu mingħajr l-ebda xkiel;

(3) tiddikjara li għandu dritt li jkollu mezz kif jara li din l-għajn tinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u nadifa biex jiġi assigurat li huwa jkollu l-ilma li għandu dritt għalih u għalhekk tordna li l-istess attur għandu jkollu mezz kif jaċċedi għal din l-għajn jew ikun jista' jara l-istess għajn biex jassigura dan kollu;

(4) tordna li fin-nuqqas li l-konvenuti Portelli jżommu din l-għajn fi stat tajjeb u nadif b'mod kontinwu l-attur Paul Portelli jkollu d-dritt li jagħmel hu x-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fuq l-istess għajn u dan biex jiġi assigurat li d-dritt tal-ilma li huwa għandu ma jiġix imxekkel u mtellef apposta mill-konvenuti.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-22.10.2018 u tal-ittra

interpellatorja tat-18.09.2018.

2. Il-konvenuti fir-risposti ġuramentati relattivi tagħhom preliminarjament qajmu l-eċċezzjoni tar-*res judicata* (b'referenza għall-kawżi **63/2014/PC** u **40/1986/AE**). Fil-mertu filwaqt li ma kkontestawx l-ewwel u t-tieni talba, ikkontestaw it-tielet talba għaliex argumentaw li f'każ li din tintlaqa' tkun qed tinħoloq servitu`; u jikkontestaw ukoll ir-raba' talba għaliex argumentaw li jekk l-għajn ma tkunx qed tinżamm fi stat nadif allura l-attur għandu jirreferi l-vertenza quddiem il-Qorti u għandha tkun hi li tiddeċiedi l-kwistjoni.

3. Permezz ta' **sentenza preliminari** mogħtija fit-2 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali,

(1) **laqgħet** l-eċċezzjoni tar-*res judicata*:

(a) fil-konfront tal-ewwel talba limitatament fejn intalab li jiġi dikjarat li l-attur għandu dritt li jieħu l-ilma mill-għajn komuni li tinsab fir-raba' magħruf bħala *Ta' Ħida* jew *Ta' Majza*, fil-limiti tan-Nadur; u

(b) fil-konfront tat-tieni, it-tielet, u r-raba' talbiet *in toto*;

(2) **ċaħdet** l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fil-konfront tal-parti tal-ewwel talba fejn il-Qorti ntalbet tiddikjara li l-attur għandu dritt li jieħu l-ilma nhar ta' Ħadd.

4. Permezz ta' **sentenza finali** mogħtija fid-29 ta' Jannar, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, iddeċidiet il-kawża fil-mertu fejn b'konsegwenza tal-ftehim reġistrat fil-verbal tal-15 ta' Mejju, 2015, (fl-atti tal-kawża **63/2014/PC**) iddikjarat li l-attur għandu dritt li fil-ġurnata tal-Ħadd jieħu l-ilma mill-għajn komuni li tinsab fil-proprjeta` tal-konvenuti fir-raba' magħruf bħala *Ta' Ħida* jew *Ta' Majza* fil-limiti tan-Nadur. Ordnat li l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn il-partijiet b'kull parti tħallas terz (⅓).

5. Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati mis-sentenza finali tad-29 ta' Jannar, 2021, limitatament fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż in kwantu l-ewwel Qorti allokat lilhom terz (⅓) kull wieħed tal-ispejjeż. Huma invece jsostnu li l-ispejjeż kollha kellhom jiġu akkollati lill-attur. Għalhekk interponew appell quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Frar, 2021, fejn talbuha tvarja s-sentenza finali f'dan is-sens; bl-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu wkoll a karigu tal-attur.

6. L-attur appellat fis-17 ta' Marzu, 2021, wieġeb biex jgħid għaliex l-appell tal-konvenuti m'għandux jiġi milqugħ *stante* li kienet korretta l-

ewwel Qorti fil-mod kif qasmet l-ispejjeż fis-sentenza finali tad-29 ta' Jannar, 2021.

7. L-attur appellat intavola wkoll **<u>appell inċidentali</u>** fir-rigward tas-sentenza preliminari tat-2 ta' Ottubru, 2019, fejn sostna li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fil-konfront ta' parti mill-ewwel talba u fil-konfront tat-talbiet l-oħra tiegħu. Jargumenta li l-konvenuti kienu apposta qed iħallu l-għajn maħmuġa biex meta jiġi biex jieħu l-ilma nhar ta' Ħadd, l-ilma ma joħroġx. Iżid jgħid li l-konvenuti għalqu l-għalqa fejn hemm l-għajn bil-qasam b'tali mod li ma jistax ineħħi materjal li jinġema' jew jitpoġġa apposta mill-bokka tal-għajn minn fejn joħroġ l-ilma għall-*pipes* li minnhom jisqi r-raba` tiegħu. <u>Jenfasizza li dan kollu l-Qorti ma ddeċidietx dwaru fis-sentenzi preċedenti u għalhekk ma jistax ikun li hemm *res judicata* fil-konfront tiegħu</u>. Huwa imbagħad għamel riproduzzjoni sħiħa (*copy & paste*) tal-paġni numerużi tan-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu f'dan ir-rikors tal-appell tiegħu, u talab is-segwenti:

> *"Għaldaqstant Paul Portelli, filwaqt li jġib il-premess a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija u għar-raġunijiet oħrajn li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, filwaqt li jagħmel referenza għall-prova kollha gia miġjuba u jirriserva li jressaq provi oħra u dokumenti oħra fejn dawn ikunu konsentiti skont il-proċedura, qed jinterponi appell mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti kienet laqgħet l-eċċezzjoni tar-res judicata fil-konfront tal-ewwel talba tal-attur Paul Portelli limitatament għat-talba illi l-Qorti tiddikjara li l-attur għandu dritt jieħu l-ilma mill-għajn komuni fir-raba' magħruf bħala Ta' Ħida jew Ta' Majza fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, u kif ukoll appell fejn il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tar-res judicata fil-konfront tat-tieni, tielet u raba' talba in toto, u għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti,*

*filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza in kwantu din ċaħdet l-eċċezzjoni tar-res judicata fil-konfront ta' parti tal-ewwel talba tal-attur fejn il-Qorti intalbet tiddikjara illi l-attur għandu dritt li jieħu l-ilma nhar ta' Ħadd u dan bl-ispejjeż tal-ewwel istanza u dan l-appell interament għall-konvenuti."*

8. Fit-8 ta' April, 2021, il-konvenuti wieġbu biex jgħidu li l-appell inċidentali tal-attur għandu jiġi respint u s-sentenza preliminari tat-2 ta' Ottubru, 2019, ikkonfermata *in toto*, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur, piu` l-ispejjeż doppji *ai termini* tal-Art. 299(9) [*recte* 229(9)] tal-Kap 12 salv kull jedd għall-ħlas ta' danni li jista' jkollhom kontra l-attur.

9. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza preliminari tat-2 ta' Ottubru, 2019:

*"Il-Qorti;*

*Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur Paul Portelli ppremetta:*

*1. Peress illi l-attur Pawlu Portelli huwa proprjetarju u utenti ta' bicciet ta' raba' fl-inhawi msejha 'Ta' Hida' sive 'Ta' Majza' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex u liema raba' kollu ghandu d-dritt ta' gbid ta' ilma minn ghajn komuni li tinsab fir-raba' tal-konvenuti jew minnhom u dan kif kontemplat fil-kuntratt ta' bejgh li sar fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) permezz ta' liema kuntratt missier il-kontendenti Salvatore Portelli biegh lill-konvenut Joseph Portelli (karta identita' numru 66849 (G))(estratt minn dan il-kuntratt qed jigi esebit bhala Dok PP 1);*

*2. Illi d-dritt ta' gbid ta' ilma ghandu jigi ezercitat minn mina u giebja li jezistu f'bicca raba' li Salvatore Portelli biegh lill-konvenut Joseph Portelli (karta identita' numru 66849 (G) bil-kuntratt imsemmi fil-paragrafu 1, bl-imsemmi kuntratt jispecifika li hemm id-dritt ta' gbid ta' ilma ghal seba' persuni, cioe' gurnata kull wiehed, fosthom l-attur kif stipulat fl-imsemmi kuntratt. L-istess raba' hija suggetta ghal dritt ta' passagg lejn raba' iehor, fosthom dak tal-attur, biex jifthu l-ilma kif ukoll li l-ghajn hija komuni bejn seba' ahwa li jridu juzawha gurnata kull wiehed u dan l-ilma ma jistax jigi trasferit lill-barranin;*

*3. Illi permezz ta' kawza bin-numru 63/2014 fl-ismijiet 'Pawlu*

*Portelli vs Joseph Portelli et' l-attur kien talab fost l-ohrajn li tigi specifikata l-gurnata meta huwa jiehu l-ilma minn din l-ghajn. Dik il-kawza giet ceduta mill-attur wara verbal li sar fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2015. F'dan il-verbal insibu "L-attur u Joseph Portelli qeghdin jaqblu illi l-gurnata li fiha l-attur ghandu jiehu l-ilma tigi spostata minn nhar l-Erbgha ghal nhar ta' Hadd u l-kawza tigi ceduta bl-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet". Kopja ta' dan il-verbal qed tigi annessa bhala Dokument PP 2;*

*4. Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-tletin (30) ta' Lulju elfejn u ghaxra (2010) fil-kawza fl-ismijiet "Paul Portelli pro et noe vs Joseph Portelli" il-Qorti kienet qalet "Fil-kaz odjern, ghalhekk, l-appellat (Joseph Portelli), ghandu jiehu hsieb, jew kif jidher mill-provi, ikompli jiehu hsieb it-tindif u l-manutenzjoni sabiex l-ilma jibqa' jittiehed bla xkiel sakemm jigu decizi l-kawzi li ghadhom pendenti";*

*5. Illi minkejja din id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell il-konvenuti flahhar xhur hallew din il-giebja fi stat hazin u bi hmieg fiha, fosthom hass u weraq, b' tali mod li l-attur ma jistax jiehu l-ilma liberament kif ghandu dritt li jaghmel. Oltre dan l-istess konvenuti ghalqu ghal kollox din il-giebja biex l-attur bl-ebda mod ma jkun jista' jara jekk din hix tinzamm fi stat tajjeb u nadif u dan biex b'mod malinn itelfu lill-attur mid-dritt tieghu;*

*6. Illi l-atturi nterpella kemm-il darba lill-konvenuti sabiex jottempraw rwiehhom mal-Ligi u mas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fosthom b' ittra ufficcjali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) u ittra nterpellatorja tat-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) izda l-konvenuti baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Talab lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1) Tiddikjara illi l-attur Paul Portelli ghandu dritt li jiehu l-ilma mill-ghajn komuni u li tinsab fil-proprjeta' tal-konvenuti jew min minnhom fir-raba' maghruf bhala 'Ta' Hida' jew 'Ta' Majza' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex u dan fil-gurnata tal-Hadd kif indikat fil-verbal li sar fl-atti tal-kawza numru 63/2014 fl-ismijiet 'Pawlu Portelli vs Joseph Portelli et;*

*2) Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jassiguraw li din l-ghajn tinzamm dejjem fi stat tajjeb ta' manutenzjoni kif ukoll fi stat nadif biex l-ilma jkun jista' johrog liberament minn din l-ghajn u jasal fl-ghelieqi tal-attur minghajr l-ebda xkiel; ż*

*3) Tiddikjara illi l-attur Paul Portelli ghandu dritt li jkollu mezz kif jara li din l-ghajn tinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u nadifa biex jigi assigurat li huwa jkollu l-ilma li ghandu dritt ghalih u ghalhekk tordna li l-istess attur ghandu jkollu mezz kif jaccedi ghal din l-ghajn jew ikun jista' jara l-istess ghajn biex jassigura dan kollu;*

*4) Tordna li fin-nuqqas li l-konvenuti Portelli jzommu din l-ghajn fi stat tajjeb u nadifa b'mod kontinwu l-attur Paul Portelli jkollu d-dritt li jaghmel hu x-xoghol ta' manutenzjoni u tindif fuq l-istess ghajn u dan biex jigi assigurat li d-dritt tal-ilma li huwa ghandu ma jigix mxekkel u mtellef apposta mill-konvenut;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) u tal-ittra nterpellatorja tat-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u bl-ingunzjoni tal-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Portelli fejn ippremetta:*

*1. Preliminarjament, illi l-mertu ta' din il-kawza huwa res judicata ghal dak li jirrigwarda l-mertu msemmi u dan in kwantu:*

*(i) in primis, kif ammess mill-attur stess fir-rikors guramentat tieghu (vide paragrafu numru 3), l-allokazzjoni tal-granet ghall-finijiet ta' uzu ta' l-ilma mill-ghajn in komuni, li llum regghet mertu ta' din il-kawza, kien digà sorvolat fl-atti tal-kawza numru 63/2014 fl-ismijiet Pawlu Portelli vs. Joseph Portelli et (vide Dok. JPJ001); u*

*(ii) in kwantu ghall-kwistjoni dwar jekk sid il-proprjetà li tikkontjeni l-ghajn in mertu ta' din l-vertenza ghandux l-obbligu jew le li jzomm l-istess ghajn nadifa u fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, kif ukoll dwar jekk il-persuna li ghandha dritt tiehu l-ilma minnha, ghandhiex jedd tasal sa l-istess ghajn bla ebda xkiel, kienu wkoll gia suggetti ghad-decizjoni superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Paul Portelli f`ismu proprju u bhal mandatarju ta' huh imsiefer William Portelli, u Peter Paul Portelli vs. Joseph Portelli (Kawza numru 40/1986/1), kif deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri datata nhar it-23 ta' Mejju 2008 u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell datata nhar it-30 ta' Lulju 2010, u ghalhekk din il-kawza saret inutilment, malizzjozament u frivolozament (Dok. JPJ002 u JPJ003).*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, gia hemm raguni bizzejjed sabiex it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tidhol fil-mertu tal-kwestjoni, l-esponenti jirribatti kull wahda mit-talbiet rikorrenti bis-segwenti:*

*i. In kwantu ghall-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponenti mhux jikkontesta dan id-dritt ta' l-istess rikorrenti, u stante li dan kien ivverbalizat fl-atti tal-kawza numru 63/2014 (vide Dok. JPJ001), fejn kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-gurnata li fiha l-attur (illum rikorrenti) u l-konvenut (illum l-intimat l-iehor cioe' Joseph Portelli KI*

*66849G) kellu jiehu l-ilma mill-ghajn in komuni ta' Hida jew ta' Majza fil-limiti tan-Nadur Ghawdex kienet giet spostata ghall-gurnata tal-Hadd;*

*ii. Fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, l-esponenti m'huwiex jikkontesta, li bhala l-proprjetarju l-gdid tal-fond in kwestjoni ghandu l-obbligu li jassigura li l-ghajn tinzamm fi stat ta' ndafa u manutenzjoni tajba, kif fil-fatt qieghed jaghmel u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

*iii. In kwantu ghat-tielet talba rikorrenti l-esponenti jikkontesta bil-qawwa l-istess talba, u dan stante li jekk din it-talba tkun akkolta minn din l-Onorabbli Qorti jkun qed jinholoq dritt gdid ta` servitu, liema dritt ikun ta' piz fuq il-proprjetà ta' l-esponenti. Illi inoltre dan id-dritt qatt ma kien mahluq jew sahansitra kontemplat fil-kuntratt originali tal-vendita' ppublikat fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri nhar l-10 ta' Gunju 1977 (Dok. JPJ004). Kif huwa ben risaput u akkolt mill-gurisprudenza nostrana l-ebda proprjetà m'ghandha tigi aggravata b`ebda servitu' bhal dik kontemplata mir-rikorrenti fil-kaz in ezami, stante li dawn ma jkunux jemanu minn att pubbliku;*

*iv. Ghal dak li jikkoncerna r-raba' talba rikorrenti qeghdha tkun ikkontestata bil-qawwa mill-esponenti u dan stante li jekk huwa veru li l-esponenti qua sid l-ghajn ma jkunx qieghed jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega sabiex l-ghajn tinzamm fi stat nadif u ta' manutenzjoni tajba skont il-Ligi, ir-rikorrenti ghandu jirreferi l-vertenza quddiem din l-Onorabbli Qorti u tkun din il-Qorti fis-sapjenza taghha li tikkonferma o meno jekk l-ghajn tkunx nadifa jew mizmuma fi stat ta' manutenzjoni tajba.*

*3. Ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghal dak li jirrigwarda leccezzjoni preliminari ta' l-esponent, ghandhom jigu skartati u michuda l-ewwel zewg talbiet u kkunsidrati bhala rritwali u nutli, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent; u fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti dawn ukoll ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt permissibbli bil-Ligi.*

*Bl-ispejjez.*

*Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Portelli fejn ippremetta:*

*1. Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari l-esponenti jissottometti li huwa m'huwiex legittimu kuntradittur f'din il-kawza in kwantu r-raba' maghrufa bhala ta' Hida sive ta' Majza fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, imsemmija f'din il-kawza m'hijiex proprjeta' tieghu izda hija proprjeta' ta' ibnu Joseph Portelli, konvenut l-iehor f'din il-kawza;*

*2. Illi b'mod preliminari wkoll qed tigi sollevata r-res judicata fir-rigward tal-mertu msemmi f'din il-kawza u dan in kwantu (i) fl-ewwel lok, kif ammess mill-attur stess, it-tqassim tal-granet ghall-fini ta' uzu ta' l-ilma mill-ghajn komuni mertu ta' din il-kawza gia' gie sorvolat fl-atti tal-kawza numru 63/2014 fl-ismijiet Pawlu Portelli vs Joseph Portelli et; kif ukoll (ii) peress li l-kwistjoni dwar jekk sid il-proprjeta' li tikkontjeni l-ghajn in kwistjoni ghandux l-obbligu li jzomm l-istess ghajn fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u fi stat nadif, kif ukoll dwar jekk min ghandu dritt jiehu l-ilma minnha, ghandux jedd jasal sa l-ghajn minghajr ebda xkiel, gia gew decizi fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Paul Portelli noe et vs Joseph Portelli (Kawza numru 40/1986), kif deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-23 ta' Mejju 2008 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Lulju 2010. U ghaldaqstant din il-kawza saret inutilment ghall-ahhar (Dokumenti JP1 u JP2).*

*3. Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet biss, gia hemm raguni ghaliex it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda fid-dritt.*

*4. Illi mbaghad, fil-mertu u b'referenza ghal kull wahda mit-talbiet rikorrenti l-esponenti jissottometti illi:*

*a. B'referenza ghall-ewwel talba tieghu, m'huwiex kontestat li r-rikorrenti ghandu dritt li jiehu l-ilma mill-ghajn komuni u li tinsab fil-proprjeta' tal-konvenut l-iehor Joseph Portelli maghrufa bhala ta' Hida jew ta' Majza fil-limiti tan-Nadur Ghawdex fil-gurnata tal-Hadd;*

*b. B'referenza ghat-tieni talba rikorrenti, m'huwiex kontestat li l-istess Joseph Portelli ghandu l-obbligu li jzomm din l-ghajn fi stat ta' manutenzjoni u ndafa tajba, kif fil-fatt qieghed jaghmel;*

*c. B'referenza ghat-tielet talba huwa kontestat li r-rikorrenti ghandu jinghata xi dritt biex jaccedi ghall-ghajn jew biex ikun jista' jara l-ghajn. Huwa sottomess li jekk jinghata dan id-dritt, allura jkunu qed jinholqu servitujiet godda fuq il-proprjeta' ta' Joseph Portelli li ma gewx originarjament mahluqa jew kontemplati meta l-art tieghu giet originarjament akkwistata minn l-esponenti missieru fl-10 ta' Gunju 1977 bil-kuntratt atti Nutar Joseph Spiteri (Dok. JP3). Huwa risaput li proprjetajiet m'ghandhomx jigu aggravati b'servitujiet bhal dan in ezami, dment li tali servitujiet ma jkunux jirrizultaw minn att pubbliku;*

*d. Ir-raba' talba hija wkoll opposta mill-esponenti. Dana peress li f'kaz li sid l-ghajn ma jkunx qieghed jaghmel ix-xoghol ta' manutenzjoni u tindif ta' l-ghajn komuni skont il-ligi, ir-rikorrenti ghandu jiehu passi skont il-ligi, izda huwa m'ghandu qatt jinghata d-dritt li jkun hu l-gudikant hu u jiddeciedi dwar jekk is-sid ta' l-ghajn osservax l-obbligi tieghu ta' manutenzjoni u tindif, u jiddeciedi wkoll li jezistu tali cirkustanzi li jippermettulu jaghmel ix-xoghol ta' manutenzjoni u tindif hu stess.*

*5. Konsegwentement, minghajr pregudizzju ghall-premess, u f'kaz*

*li l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-esponenti jigu michuda, huwa sottomess li l-ewwel zewg talbiet ghandhom jitqiesu bhala rritwali u nutli, bl-ispejjez kontra r-rikorrent; filwaqt li t-tielet u r-raba' talba tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez.*

*Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta Guramentata;*

*Rat in-noti ta' sottomisjonijiet tal-partijiet;*

*Rat l-atti kollha tal-kawzi u hadet konjizzjoni wkoll:*

*i) tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-23 ta' Mejju, 2008, fl-ismijiet* ***Paul Portelli f'ismu proprju u bhala mandatarju ta huh imsiefer William Portelli u Peter Paul Portelli vs Joseph Portelli*** *( Citaz. Nru. 40/86AE);*

*ii) sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-istess ismijiet tat-30 ta' Lulju, 2010 fl-istess ismijiet;*

*iii) Sentenza fl-ismijiet* ***William Portelli et vs Joseph Portelli*** *(Citaz. Nru. : 35/1986) deciza fit-3 ta' Lulju, 2009*

***Ikkunsidrat:***

***…omissis…***

*Fil-kaz de quo il-Qorti hija rinfaccata b'erba' talbiet imressqa mir-rikorrent Paul Portelli. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tanalizza kull talba, wahda wahda, sabiex tistharreg jekk effettivament l-element tal-eadem casua petendi hux sodisfatt f'dawn it-talbiet:*

*a) L-ewwel talba tal-attur rikorrent hija illi l-Qorti tiddikjara illi huwa ghandu d-dritt illi jiehu l-ilma mill-ghajn komuni msemmi aktar 'il fuq fil-gurnata tal-Hadd kif indikat fil-verbal fl-atti tal-kawza numru 63/2014. Il-Qorti tinnota illi f'din it-talba l-attur rikorrent geddes zewg kwistjonijiet – wahda tirrigwarda l-kwestjoni ta' l-ezistenza o meno tad-dritt ta' tehid ta' l-ilma, mentri t-tieni fergha tirrigwarda l-meta ghandu jigi ezercitat tali dritt.*

*Il-konvenuti ntimati fin-noti ta' sottomissjonijiet jaghmlu referenza ghall-kawza fl-ismijiet "****Paul Portelli f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh imsiefer William Portelli u Peter Paul Portelli vs Joseph Portelli*** *[1]". Il-Qorti filwaqt illi studjat b'attenzjoni din is-sentenza, qrat ukoll b'attenzjoni s-sentenza fl-ismijiet* ***William Portelli***

[1] Citaz Nru. : 40/1986, deċiża fit-23 ta' Mejju, 2008, Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri.

***et vs Joseph Portelli*** *[2] (Citaz. Nru. : 35/1986AE) liema sentenza ssir referenza ghaliha fis-sentenza msemmija precedentement. F'din il-kawza l-atturi nkluz ir-rikorrent talbu lill-Qorti illi jigi ddikjarat illi huma ghandhom id-dritt illi jiehdu l-ilma mill-giebja. Il-Qorti min-naha taghha fis-sentenza kkonkludiet illi :*

> *"**Tiddikjara li l-atturi[3] ghandhom il-jedd li jaghmlu uzu mis-sors ta' ilma li hemm fir-raba' ta' Majsi, Nadur proprjeta' tal-konvenut (li tidher fir-ritratt a fol. 137l anness mar-rapport tal-perit David Pace), u dan sabiex minnha jkomplu jiehdu l-ilma ghat-tisqija tar-raba' fl-istess inhawi li akkwistaw bhala successuri tal-genituri taghhom.'*[4]**

*Din is-sentenza ma gietx appellata u dan ifisser biss illi l-kwestjoni dwar il-jedd ta' Paul Portelli illi jtella' l-ilma mill-ghajn komuni gia giet deciza mill-Qorti f'sentenza illi ghaddiet in gudikat u dunque fil-konfront ta' l-ewwel talba safejn hija rigward id-dritt ta' l-attur rikorrent li jiehu l-ilma, l-eccezzjoni tar-res judicata hija gustifikata. Rigward it-tieni fergha fl-ewwel talba u li tirrigwarda meta ghandu jittiehed l-ilma, skont il-konvenut Joseph Portelli fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu din il-materja wkoll giet sorvolata u dana bil-ftehim pendente lite illi sarf'kawza ohra fl-ismijiet **Portelli Pawlu vs Portelli Joseph et**[5] fejn gie verbalizzat illi l-attur rikorrent ghandu jiehu l-ilma nhar ta' Hadd. Il-Qorti, izda ma taqbilx ma' dan l-argument. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti ta'dik il-kawza u mill-istess atti jirrizulta illi wara il-verbal fejn gie debitament irregistrat il-ftehim l-istess attur rikorrent ceda l-kawza u l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess. Il-konsegwenza tac-cessjoni hija illi ma jkunx hemm sentenza definittiva u ghalhekk fin-nuqqas ta' sentenza definittiva l-ezercizzju ta' tqabbil mistenni mill-Qorti bejn dak mitlub mill-attur rikorrent u dak diga' deciz definittivament, f'dan il-kaz u limitatatment ghal din il-fergha tat-talba, ma jistax isir u dunque' l-eccezzjoni tar-res judicata ma tirnexxix.*

*b) Fil-konfront tat-talba fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-intimati ghandhom jizguraw illi l-ghajn jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni sabiex ma jkun hemm xejn fl-ghajn li jxekkel il-passagg liberu ta' l-ilma, din il-kwestjoni diga' giet trattata u deciza mill-Qorti fl-istess kawza illi hemm referenza ghaliha fil-kawza li jaghmlu referenza ghaliha l-konvenuti intimati. Infatti il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet* **William Portelli et vs Joseph Portelli (35/1986AE),** *ordnat illi:*

> ***"Il-konvenut m'ghandu l-ebda jedd li fl-imsemmija granet jostakola b'xi mod lill-atturi mill-jedd li ghandhom li jiehdu l-ilma, inkluz li jidhlu u johorgu mill-passagg miksi bil-konkos sabiex jifthu u jaghlqu l-vit minn fejn johrog l-ilma mis-sors ta' ilma li ghandu fil-***

---

[2] Deċiża fit-3 ta' Lulju, 2009.

[3] L-atturi fil-kawza kienu William Portelli, Peter Paul Portelli u Paul Portelli. Dan joħroġ ċar minn dak illi qalet l-istess Qorti – "**Ghalkemm hu minnu li f'dan il-procediment huma parti tlieta biss mis-sebat ahwa Portelli, dan ma jfissirx li l-ġudizzju m'huwiex integru."**

[4] Pg. 12 tas-sentenza

[5] 63/2014PC

***proprjeta' tieghu."***

*Il-kliem maghzul mill-Qorti jaghti lok ghall-interpretazzjoni wiesa' u gia la darba l-konvenut gie ordnat illi ma jistax b'xi mod jostakola il-jedd ta' l-atturi li jiehdu l-ilma din il-Qorti tqis illi dan jinkludi kull mezz possibbli illi jista' jostakola l-passagg liberu ta' l-ilma. Ghalkemm huwa minnu dan l-obbligu da parti tal-konvenut huwa b'referenza ghall-granet imsemmija mill-Qorti ghat-tehid ta' l-ilma minn William u Peter Paul Portelli, madankollu logikament gia la darba l-ghajn ta' l-ilma jkun nadif u minghajr ostakolu, il-passagg liberu ta' l-ilma jitgawda minn kulhadd. Dan aktar u aktar meta fit-talba tieghu l-attur rikorrent jaghmel enfasi fuq l-istat tajjeb ta' manutenzjoni. Din il-Qorti thoss illi gia la darba hemm sentenza definittiva illi torbot l-intimat Joseph Portelli sabiex izomm l-ghajn fi stat tajjeb ghall-granet tas-Sibt u t-Tlieta dan japplika minghajr tigbid fl-interpretazzjoni ghall-granet l-ohra tal-gimgha u ghalhekk fil-konfront ta'din it-talba r-rekwizit ta' eadem causa petendi huwa sodisfatt.*

*Oltre dan il-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010*[6] *fis-sentenza kienet cara illi kellu japplika l-Artikolu 477 tal-Kodici Civili u ghalhekk l-intimat ghandu jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega sabiex ma jkun hemm xejn illi jostakola l-passagg ta' ilma mill-ghajn ghal sal-vit. Ghaldaqstant billi din it-talba giet deciza b'sentenza definittiva dan ikompli jirrassoda l-fatt illi l-element ta' eadem causa petendi huwa sodisfatt u l-eccezzjoni tal-gudikat hija misthoqqa;*

*c) Fil-konfront tat-tielet talba u r-raba talbiet dawn huma assorbiti f'dak illi gie deciz mill-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2009*[7]*, f'sentenza illi ghaddiet in gudikat. Rigward l-access, il-Qorti akkordat lill-atturi (ir-rikorrent attur kien wiehed minnhom) id-dritt li jidhlu hdejn il-giebja sabiex jaghmlu uzu mill-vit ghat-tehid ta' l-ilma.-*

***"L-atturi ghandhom dritt jidhlu fir-raba' tal-konvenut mill-passagg tal-konkos fil-granet fuq imsemmija, limitatament sabiex jifthu u jaghlqu l-vit****."*[8]

*Il-materja rigward tindif tal-giebja tqanqal sew u anke l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha surreferita taghmel referenza ampja ghal din il-kwistjoni tant illi l-istess Qorti fil-korp tal-kunsiderazzjonijiet taghha tafferma illi ;*

***"....l-appellat*** *( il-konvenut intimat fil-kawza odjerna)* ***ghandu jiehu hsieb jew, kif jidher mill-provi, ikompli jiehu hsieb it-tindif u l-manutenzjoni sabiex l-ilma jibqa' jittiehed bla xkiel sakemm jigu decizi l-kawzi li ghadhom pendenti."***

*Minn qari tal-gurisprudenza nostrana jirrizulta principju stabbilit illi:*

[6] Paul Portelli pro et noe vs Joseph Portelli
[7] Citaz. Nru.: 35/1986
[8] Pg. 12 tas-sentenza.

> ***"...l-awtorita' tal-gudikat tkopri mhux biss il-kwestjoni ta' fatt u ta' dritt li tkun tressqet bl-azzjoni jew bl-eccezzjoni, investita fid-decizjoni ta' qabel imma wkoll il-kwestjoni li ma tkunx giet dedotta fil-gudizzju jekk din tkun, b'danakollu, tikkostitwixxi l-presuppost logiku u essenzjali tad-decizjoni nnifisha. Ara, b'illustrazzjoni, is-sentenzi flismijiet "Adrian Busietta nomine -vs- Mario Attard nomine", Appell, 9 ta' Frar, 2001 u "Joseph Camilleri - vs- Lilian Mallia", Appell, 5 ta' Ottubru, 1998"***[9]

*Billi ghalhekk it-talbiet mressqa mill-attur rikorrent fit-tielet u r-raba talba huma llum kwestjonijiet maghluqa permezz tas-sentenzi citati u permezz ta' argumenti illi diga' gew mgharbula sew mill-Qrati, ir-rekwizit ta' eadem causa petendi huwa sodisfatt fil-konfront ta' l-istess talbiet.*

***Decide***

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi fil-waqt illi:*

*1) Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tar-res judicata :*

*a) fil-konfront ta' l-ewwel talba limitatment ghat-talba illi l-Qorti tiddikjara li l-attur rikorrent ghandu d-dritt li jiehu l-ilma mill-ghajn komuni li jinsab fir-raba' maghruf bhala 'Ta' Hida' jew 'Ta' Majza' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex ,*

*b) fil-konfront tat-tieni, it-tielet u r-raba talbiet in toto;*

*2) Qeghda tichad l-eccezzjoni tar-res judicata fil-konfront tal-parti tal-ewwel talba fejn il-Qorti ntalbet illi tiddikjara illi l-attur rikorrent ghandu dritt jiehu l-ilma nhar ta' Hadd.*

*Tordna illi l-kawza tkompli tinstema' fuq il-mertu."*

## KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

## L-appell inċidentali tal-attur appellat Paul Portelli:

10. Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-appell inċidentali tal-attur appellat, ċioe` fejn jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari tat-2 ta' Ottubru, 2019, sabet li t-talbiet tiegħu kienu kollha għaddew in

[9] Agius et vs Fenech, Appell, Deciza 5 ta' Marzu, 2010

ġudikat ħlief għal parti mill-ewwel talba rigwardanti l-ġurnata tal-użu tal-għajn tal-ilma.

11. Il-konvenuti Joseph Portelli (il-missier) u Joseph Portelli (l-iben) fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom eċċipew in linea preliminari li l-mertu ta' din il-kawża huwa ***res judicata*** u dan għaliex:

- Il-kwistjoni dwar l-allokazzjoni tal-ġurnata tal-Ħadd biex l-attur jieħu l-ilma diġa ġiet sorvolata fl-atti tal-kawża ***Pawlu Portelli v. Joseph Portelli et*** **- 63/2014/PC** (fejn fil-15 ta' Mejju, 2015, il-partijiet ivverbalizzaw li kienu qablu li l-ġurnata li fiha l-attur għandu jieħu l-ilma tiġi spostata għal nhar ta' Ħadd, u konsegwentement il-kawża ġiet ċeduta); u

- Il-kwistjoni dwar jekk sid il-proprjeta` fejn tinsab l-għajn għandux l-obbligu li jżomm l-għajn nadifa u fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, kif ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-persuna li għandha dritt tieħu l-ilma minnha għandhiex jedd tasal sal-għajn bla xkiel, kienu diġa suggett tal-kawża ***Paul Portelli f'ismu proprju u bħal mandatarju ta' ħuh imsiefer William Portelli u Peter Paul Portelli v. Joseph Portelli – 40/1986/AE*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fit-23 ta' Mejju, 2008, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010.

12. L-ewwel Qorti fil-kawża odjerna qieset mhux biss iż-żewġ kawżi li aċċennaw għalihom il-konvenuti, iżda qieset ukoll is-sentenza mogħtija fil-kawża ***William Portelli et v. Joseph Portelli – 35/1986/AE*** – deċiża fit-3 ta' Lulju, 2009, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, li mhix appellata. Għalkemm il-konvenuti ma jirreferux għaliha fir-risposti ġuramentati relattivi tagħhom, din il-kawża tissemma fl-atti tal-kawża **40/1986/AE.**

13. L-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata* kkwotat is-segwenti mill-parti deċiżiva tas-sentenza rigwardanti l-kawża **35/1986/AE:**

> *"Tiddikjara li l-atturi għandhom il-jedd li jagħmlu użu mis-sors tal-ilma li hemm fir-raba' ta' Majsi, Nadur, proprjeta` tal-konvenut (li tidher fir-ritratt a fol 137I anness mar-rapport tal-perit David Pace), u dan sabiex minnha jkomplu jieħdu l-ilma għat-tisqija tar-raba' fl-istess inħawi li akkwistaw bħala suċċessuri tal-ġenituri tagħhom."*

14. Fil-*footnote* nru 6 l-ewwel Qorti ddikjarat li "*L-atturi fil-kawża kienu William Portelli, Peter Paul Portelli u Paul Portelli*" u qalet li permezz tas-sentenza mogħtija fil-kawża **35/1986/AE** ifisser li l-kwistjoni dwar il-jedd ta' Paul Portelli (l-attur odjern) illi jtella' l-ilma mill-għajn komuni ġia` ġiet deċiża mill-Qorti f'sentenza li għaddiet in ġudikat.

15. L-ewwel Qorti pero` kienet kompletament żbaljata f'dan ir-rigward għaliex Paul Portelli ma kienx parti fil-kawża **35/1986/AE**. Fil-fatt l-okkju

kollu jaqra hekk: "***William Portelli u Peter Paul Portelli u b'nota tas-6 ta' Gunju 1986 Paul Portelli assuma l-atti tal-kawza minflok William u Peter Paul Portelli li jinsabu msefrin u b'nota tas-7 ta' Frar, 1991, William Portelli assuma l-atti tal-kawza stante l-fatt li jinsab f'dawn il-gzejjer u b'nota tal-11 ta' Lulju 1991 Peter Paul Portelli assuma l-atti tal-kawza stante l-prezenza tieghu f'dawn il-gzejjer (fol 57) u b'digriet moghti fl-10 ta' Gunju 2009 l-avukat Dr Jean Paul Grech gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti William Portelli Vs Joseph Portelli***". Ifisser għalhekk li Paul Portelli sempliċiment għamel żmien fejn assuma l-atti tal-kawża flok ħutu Peter Paul u William li kienu jinsabu msefrin.

16. Adirittura l-Qorti stess fil-kawża **35/1986/AE** kienet ikkummentat illi Paul Portelli ma kienx parti fil-kawża (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Ghalhekk ma setghux jakkwistaw xi sehem indiviz fil-proprjeta' tal-ghajn* ***kif jippretendi Paul Portelli (wiehed mill-ahwa), li m'huwiex parti fil-kawza,*** *fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fit-30 ta' Dicembru 2008."*

17. Għalkemm l-ewwel Qorti in sostenn tal-interpretazzjoni tagħha li Paul Portelli kien attur fil-kawża **35/1986/AE** qalet li dan joħroġ ċar minn dak illi qalet l-istess Qorti, senjatament:

> "*Għalkemm hu minnu li f' dan il-proċediment huma parti tlieta biss mis-sebat aħwa Portelli, dan ma jfissirx li l-ġudizzju m'huwiex integru".*

Il-Qorti fis-sentenza tal-kawża **35/1986/AE** ma kinitx qed tirreferi għal tliet

atturi iżda għal tliet partijiet - ċioe` l-atturi William u Peter Paul Portelli, u l-konvenut Joseph Portelli.

18. Ikkunsidrat dan kollu ma jistax jingħad li s-sentenza tat-3 ta' Lulju, 2009, relattiva għall-kawża **35/1986/AE** tagħmel stat fil-konfront tal-attur odjern. Tant hu hekk li fil-parti deċiżiva, wara li ġie deċiż li l-"atturi" għandhom il-jedd li jużaw is-sors tal-ilma li jinsab fir-raba' tal-konvenut Joseph Portelli, ordnat li William Portelli kellu jieħu l-ilma nhar ta' Sibt, u Peter Paul Portelli kellu jieħu l-ilma nhar ta' Tlieta. Paul Portelli ma jissemmiex.

19. Madanakollu din il-Qorti tqis li mill-verbal stess tal-15 ta' Mejju, 2015, fl-atti tal-kawża ***Pawlu Portelli v. Joseph Portelli et - 63/2014/PC*** jirriżulta d-dritt tal-attur odjern Paul Portelli li jieħu l-ilma, senjatament fejn ġie dikjarat:

> *"L-attur u l-konvenut Joseph Portelli qegħdin jaqblu illi l-ġurnata li fiha l-attur għandu jieħu l-ilma tiġi spostata minn nhar ta' Erbgħa għal nhar ta' Ħadd u l-kawża tiġi ċeduta bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."*

20. Jekk Joseph Portelli aċċetta li Paul Portelli seta' jieħu l-ilma kull nhar ta' Ħadd ifisser li l-istess Joseph Portelli kien qed jirrikonoxxi li Paul Portelli fil-fatt kellu dritt jieħu l-ilma. **Din it-transazzjoni bejn il-partijiet għandha l-istess effett ta' *res judicata*.** Fil-fatt l-Artikolu 1729(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> *"It-transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, is-setgħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat."*

Għalhekk, f'dan is-sens, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel talba hija fondata.

21. Issa fit-tieni (2) talba l-attur talab lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kellhom jassiguraw li l-għajn tinżamm dejjem fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u fi stat nadif sabiex l-ilma ikun jista' joħroġ liberament u jasal fl-għelieqi tiegħu; fit-tielet (3) talba l-attur talab lill-Qorti tiddikjara li għandu dritt ikollu hu stess mezz biex jassigura li l-għajn tinżamm nadifa u fi stat ta' mantenutenzjoni tajjeb, u fir-raba' (4) talba talab lill-Qorti tiddikjara biex fin-nuqqas li l-għajn tkun inżammet fi stat tajjeb u nadif, ikollu d-dritt hu stess li jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni u tindif.

22. Fir-risposti ġuramentati tagħhom il-konvenuti eċċepew li l-kwistjoni dwar jekk sid il-proprjeta` fejn tinsab l-għajn għandux l-obbligu li jżommha nadifa u fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u l-kwistjoni dwar jekk persuni li għandhom dritt jieħdu l-ilma minnha għandhomx dritt li jaslu sa ħdejn l-għajn bla xkiel, kienu suġġett tal-kawża **40/1986/AE**, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-ewwel istanza fit-23 ta' Mejju, 2008, u mill-appell fit-30 ta' Lulju, 2010.

23. L-ewwel Qorti reġgħet irreferiet għas-sentenza mogħtija fil-kawża

**35/1986/AE**, senjatament is-segwenti paragrafi mill-parti deċiżiva:

> *"(c) Il-konvenut m'ghandu l-ebda jedd li fl-imsemmija granet jostakola b'xi mod lill-atturi mill-jedd li ghandhom li jiehdu l-ilma, inkluz li jidhlu u johorgu mill-passagg miksi bil-konkos sabiex jifthu u jaghlqu l-vit minn fejn johrog l-ilma mis-sors ta' ilma li ghandu fil-proprjeta' tieghu;*
>
> *(d) L-atturi ghandhom dritt jidhlu fir-raba' tal-konvenut mill-passagg tal-konkos fil-granet fuq imsemmija, limitatament sabiex jifthu u jaghlqu l-vit."*

24. Kif spjegat *supra* pero`, din il-kawża **35/1986/AE** ma tapplikax fil-konfront tal-attur odjern Paul Portelli ladarba ma kienx attur fiha.

25. Issa l-ewwel Qorti, fl-istess sentenza preliminari, irreferiet ukoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **40/1986/AE** (fejn l-attur kien parti). Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-segwenti partijiet minnha:

> *"4. ….Mhux kontestat li sar ftehim pendente lite li s-sebat aħwa jieħdu l-ilma mill-vit ġurnata kull wieħed. Ebda kopja tal-ftehim ma ġie ppreżentat fl-atti tal-kawża in sostenn u din il-qorti qiegħda tistrieh fuq dak li xehdu dwaru l-partijiet f' din il-kawża. Jidher li dan il-ftehim ma ħasibx għal min għandu jnaddaf u jagħmel il-manutenzjoni tal-ġiebja pendente lite……*
>
> *…Omissis…*
>
> *5……Kull wieħed mill-aħwa ddikjara li ilma dejjem sab u ħa ilma mill-vit li jinsab fil-passaġġ li jiġi madwar sular taħt il-post fejn jinsab il-qanniċ.*
>
> *6. Peress li l-ftehim provvizorju, milhuq bejn l-ahwa Portelli u approvat mill-Qorti, ma anticipax li l-giebja tista' tenhtieg manutenzjoni jew xogholijiet bhal tindif tal-giebja mill-hass u materjal iehor sabiex l-ilma jibqa' jittiehed minghajr x'kiel, din il-Qorti hi tal-fehma li sakemm jigu decizi l-kawzi l-ohra li ghandhom pendenti, ghandu fi kwalunkwe kaz japplika l-Artikolu 477 tal-Kodici Civili [Kap 16] li jipprovdi li: "F'nuqqas ta' ftehim, is-sid jew persuna ohra li taghti ilma minn ghajn jew kanal hija obbligata, lejn dawk illi, bis-sahha ta' dik il-koncessjoni, ghandhom*

*jedd jaghmlu uzu minn dak l-ilma, jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega sabiex imexxi l-ilma minn nixxiegha sal-pont minn fejn l-ilma ghandu jittiehed.*

*7. Fil-kaz odjern, ghalhekk, l-appellat ghandu jiehu hsieb jew, kif jidher mill-provi, ikompli jiehu hsieb it-tindif u l-manutenzzjoni sabiex l-ilma jibqa' jittiehed bla xkiel sakemm jigu decizi l-kawzi li ghadhom pendenti.*

*Ghalhekk l-aggravju tal-atturi appellanti qed jigi respint."*

26. Dak li ntqal dwar it-tindif u l-manutenzjoni tal-għajn pero` mhux biss ma ntqalx f'parti dispożittiva tas-sentenza, iżda in oltre kien intiż li japplika temporanjament sakemm jiġu deċiżi l-kawżi li kien hemm pendenti. **Għalhekk ma jistax jitqies li b'tali deċiżjoni hemm *res judicata* fir-rigward tat-tieni (2) talba.**

27. **Din il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* hija fondata fir-rigward tat-tielet (3) talba**. Fil-kawża **40/1986/AE** l-ilment kien jirrigwarda l-fatt li l-konvenut kien poġġa qanniċ tal-qasab fuq ir-riħ tal-bokka tal-ġiebja u li konsegwenza tiegħu ma setgħux jgħaddu biex jieħdu l-ilma mill-ġiebja. Il-Qorti tal-ewwel istanza kienet ikkonkludiet li l-atturi ma kellhomx dritt iġegħlu l-konvenut ineħħi l-qanniċ. Ta' rilevanza għall-kwistjoni tar-*res judicata* fil-kawża odjerna hija s-segwenti spjegazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-prim istanza:

"*Mill-provi jirriżulta wkoll li l-ilma ma jittellax direttament mill-bokka tal-ġiebja imma joħroġ minn komunikazzjoni li hemm fl-art ta' taħt is-sies (li hi ukoll tal-konvenut) fejn hemm manku li fih vit biex jiġi kontrollat il-ħruġ tal-ilma…..Fl-art li hemm taħt is-sies m'hemm l-ebda diffikulta` biex wieħed jidħol mill-passaġġ tal-konkos li hemm u jiftaħ il-vit. Il-qanniċ li hemm fil-ġenb bejn dan il-passaġġ u r-raba mhu ta' l-ebda ostaklu. L-ilment min-naħa tal-atturi hu li ma jistgħux jidħlu fl-art li hemm ta' fuq biex imorru ħdejn il-bokka tal-ġiebja li qegħda fil-proprjeta` tal-konvenut u jivverifikaw il-livell tal-ilma u jekk hemmx is-sadd.*

….omissis….

*…..il-fatt li jista' jkun, kwistjoni li għad trid tiġi determinata fil-kawżi l-oħra, li l-atturi għandhom dritt jieħdu l-ilma mill-vit li hemm fil-proprjeta` tal-konvenut li tiġi taħt is-sies ma jfissirx li l-atturi għandhom xi dritt li jidħlu fil-proprjeta` tal-konvenut li tiġi fuq is-sies. Dan apparti l-fatt li anke waqt l-aċċess il-Qorti ma rat l-ebda taraġ jew mezz ta' aċċess ieħor li mill-art ta' taħt tagħti għall-art tal-konvenut li tiġi fuq is-sies, fejn hemm il-bokk tal-bir, għalkemm l-atturi jsostu li kien taraġ.*[10]

*6. Ġialadarba (irrispettivament ta' jekk l-atturi għandhomx dritt li jidħlu fl-art ta' taħt is-sies u jieħdu l-ilma) il-Qorti ikkonkludiet li l-atturi m'għandhomx jedd iġiegħlu lill-konvenut ineħħi l-qanniċ, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti (**recte: konvenut**) hija superfluwa. Kif irriżulta mill-provi, id-dritt o meno tal-konvenuti (**recte: l-atturi**) li jieħdu l-ilma m'għandu x' jaqsam xejn mal-qanniċ li l-konvenut għamel f' tarf tal-art li tiġi fuq is-sies, cioe` fejn l-atturi ma rnexxilhomx jagħtu prova li l-proprjeta` tagħhom tgawdi servitu` ta' passaġġ jew li huma personalment igawdu xi dritt li jgħaddu sabiex imorru ħdejn il-bokka tal-bir."*

28. Ifisser għalhekk li permezz ta' din il-kawża **40/1986/AE** ġie deċiż li ma ġiex pruvat li l-proprjeta` tal-attur tgawdi xi servitu` ta' passaġġ jew li hu personalment igawdi xi dritt li jgħaddi biex imur ħdejn il-bokka tal-bir li tinsab fil-proprjeta` tal-konvenuti (jew min minnhom).

29. Kwantu għar-rekwiżit tal-***eædem personæ***, għalkemm il-konvenut Joseph Portelli, bin il-konvenut Joseph Portelli, ma kienx parti fil-kawża **40/1986/AE,** deċiżjonijiet dwar drittijiet *o meno* fuq l-għajn jorbtu lis-sidien u lis-suċċessuri fit-titolu tagħhom, u skont ma ddikjara hu stess fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, huwa s-sid il-ġdid tal-proprjeta` in kwistjoni. Kwantu għar-rekwiżit tal-***eædem res*** dan ukoll ġie sodisfatt peress li fiż-żewġ

[10] Fil-verbal tal-aċċess li sar fil-21 ta' Ġunju 2007 ġie verbalizzat: *"Fejn l-atturi jgħidu li kien hemm taraġ illum hemm ġebel kbir fuq xulxin u ma jeżisti l-ebda aċċess għar-raba ta' fuq li hi proprjeta` tal-konvenut".*

kawżi intalab (direttament jew indirettament) li jiġi dikjarat li l-attur/i jkunu jistgħu jaċċedu sal-għajn tal-ilma. Ir-rekwiżit tal-***eædem causa petendi*** ukoll ġie sodisfatt għaliex għalkemm ir-raġuni fil-kawża **40/86/AE** kien li l-qanniċ kien qed jimpedixxi lill-atturi milli jgħaddu sabiex iġibu l-ilma, u r-raġuni f'din odjerna kien li l-attur ried ikollu mezz biex jara li l-għajn qed tinżamm nadifa u fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, id-differenza fil-kawżali hija waħda superfiċjali, għaliex il-fatt ġuridiku hu l-istess, ċioe` li l-attur/i mhux qed jgħaddu minn fuq is-sies fil-proprjeta` tal-konvenut sal-bokka tal-għajn innifisha, u l-aċċess li għandhom hu biss sal-vit li jinsab taħt is-sies.

30. **Kwantu għar-raba' (4) talba ma jidhirx li qatt kien hemm talba simili, u għalhekk wisq anqas deċiżjoni, u allura ma jistax jitqies li hemm *res judicata* fir-rigward.**

31. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ssib li l-appell inċidentali tal-attur appellat Paul Portelli fir-rigward tas-sentenza preliminari tat-2 ta' Ottubru, 2019, huwa <u>fondat fir-rigward tat-tieni (2) talba u tar-raba' (4) talba</u>, filwaqt li huwa <u>nfondat fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel (1) talba u fir-rigward tat-tielet (3) talba</u>.

**L-appell prinċipali tal-konvenuti dwar il-kap tal-ispejjeż:**

32. L-appell prinċipali tal-konvenuti jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kap tal-ispejjeż fis-sentenza finali tad-29 ta' Jannar, 2021, (liema spejjeż jinkludu dawk tas-sentenza preliminari). Huma jħossuhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li kull parti (l-attur u ż-żewġ konvenuti) kellhom kull wieħed iħallsu terz (⅓) tal-ispejjeż flok ma allokat l-ispejjeż kollha lill-attur. L-attur *invece*, fir-risposta tal-appell tiegħu qal li kien qed jaqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti qasmet l-ispejjeż.

33. *In vista* tal-eżitu tal-appell inċidentali tal-attur Paul Portelli fir-rigward tas-sentenza preliminari, fejn irriżulta li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* hija fondata fir-rigward ta' żewġ talbiet minn erbgħa, u *in vista* tal-fatt li s-sentenza finali, fejn it-tieni parti tal-ewwel talba tal-attur ġiet milqugħa, din il-Qorti jidhrilha li l-ispejjeż tas-sentenza finali għandhom jitħallsu ⅔ mill-konvenuti u ⅓ mill-attur kif kienet ikkonkludiet l-ewwel Qorti. **Għalhekk dan l-appell tal-konvenuti qed jiġi miċħud.**

**DEĊIDE:**

34. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appelli hekk:

**(a) Fir-rigward tal-appell incidentali mis-sentenza preliminari:**

tilqgħu limitatament u konsegwentement:

(i) tħassar is-sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2019, in kwantu ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fil-konfront tat-tieni (2) u tar-raba' (4) talbiet; *invece* qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fir-rigward tat-tieni (2) u r-raba' (4) talbiet;

(ii) u tikkonferma s-sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2019, in kwantu ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fil-konfront tal-ewwel parti tal-ewwel talba u fil-konfront tat-tielet talba.

L-ispejjeż ta' dan l-appell inċidentali għandhom jitħallsu nofs bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet.

**(b) <u>Fir-rigward tal-appell prinċipali mis-sentenza finali:</u>**

tiċħad dan l-appell u tikkonferma l-kap tal-ispejjeż fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż kellhom jitħallsu terz ($^1/_3$) kull wieħed (ċioe` l-attur u ż-żewġ konvenuti).

L-ispejjeż ta' dan l-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellanti.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex jiġu deċiżi t-tieni u r-raba' talbiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da